# Illejla, jekk trid ...

*Adrian Grima*

Illejla ninżlu fejn il-baħar,
  jekk trid,
  u ngħoddu l-kwiekeb.

Illejla,
  jekk il-fwieħa tal-baħar issakkarna,
  nitilgħu max-xefaq
  u noqogħdu nixxiegħlu mal-mewġ.

Illejla,
  jekk il-qamar jinkixef biżżejjed,
  nistgħu nilagħbu bil-kuluri f'wiċċ l-ilma,
  u niġbruhom wieħed wieħed,
  u nlaħalħuhom,
  u nerġgħu nitilquhom f'salt.

U jekk ma jkunx sar il-ħin,
  u x-xemx ma tkunx tielgħa faċċata,
  tista' tmidd rasek fuqi jekk trid,
  u nżommok f'idejja,
  u xagħrek inxarrbu fuq sidri,
  u nbandlek fuq l-ilma
  jekk trid.